# L-GHOĠOL TAD-DEHEB

*Int u sejjer lejn Ta' Pinu,*
*Bejn il-Għarb u Ta' Għammar,*
*Meta tkun ħallejt ir-Rabat,*
*U għaddejt sa l-aħħar djar —*

*Max-xellug egħlieqi tħaddar,*
*Jew maħduma u lesti għaż-żrigħ;*
*Mal-lemin għoljiet miġmugħa*
*Taż-Żebbuġ għal fuq ir-riħ —*

*Ħarstek taqa' żgur fuq għolja*
*Donnha ħobża mfella b'mus,*
*L-ewwel fost l-għoljiet li taqbad:*
*Din hi l-għolja Ta' Gelmus.*

*L-aktar meta x-xemx tolqotha*
*Bid-dawl tagħha, l-għolja ddub*
*Qisha f'deh'b, timtela mrieżaq:*
*Issir dehra thenni l-qlub.*

*Mhux ta' b'xejn illi minn dejjem*
*In-nies ħasbet li f'Gelmus*
*Hemm moħbija qalb it-tafal*
*Xi minjiera, deh'b bir-rfus.*

*Imma ħlief bidwi Żebbuġi*
*Deh'b hawn ħadd ma kixef qatt;*
*U kif dak li nstab intilef*
*Sal-lum għadu ma jaf ħadd.*

*Dan il-bidwi kien qed jaħdem*
*Għodwa waħda fuq Gelmus*
*F'roqgħa t'għalqa, ful miżrugħa,*
*Waħdu jnaqqi l-budebbus.*

*Forsi kien ukoll dal-bidwi*
*Jaħseb fuq id-deh'b f'Gelmus?*
*Xejn tistagħġeb għax fuq l-għolja*
*Taqbdek ir-regħba tal-flus.*

*Hu x'inhu, l-imgħażqa tiegħu*
*Laqtet l-iebes, u mhux blat,*
*Sama' ħiereġ ħoss barrani:*
*"Da' x'ikun?" għajjat skantat.*

*Dlonk b'idejh farfar it-trab;*
*Niżel għarkobbtejh mistagħġeb;*
*Ħass metall kiesaħ taħt idu:*
*Naddaf sew u ra x'kien sab.*

*Għax fix-xemx minnu bdiet ħierġa*
*Dija li għammxitlu għajnejh:*
*Sab id-deh'b! Qabditu r-rogħda*
*Jaħseb f'daqshekk ġid f'idejh!*

*Qam malajr; ħares madwaru:*
*'L hemm igħarrex ma ra 'l ħadd;*
*It-trab ġabar u xi werraq,*
*Battam l-art u l-ħofra sadd.*

*Baqa' jħawtel f'ħaġa u oħra*
*Biex fil-għajn wisq ma jagħtix;*
*Fl-aħħar libes is-sidrija,*
*U mn'hemm telaq bla tferfix.*

*Fuqu qisu deni kellu,*
*Ħassu mbikkem, u bħal xrar*
*Minn għajnejh donnu ħass ħiereġ;*
*Martu, x'ħin wasal id-dar.*

*Għajnha għokritha. Meta, wara,*
*F'nofs ta' lejl iħalli l-kenn*
*Tad-dar ratu u joħroġ, ħasbet*
*Li kien taħ xi ferħ ta' ġenn.*

*"Fejn int sejjer?" dlonk staqsietu.*
*"L-għalqa", qallha u ħa l-baqqun.*
*"L-għalqa x'sejjer tagħmel?" għajtet.*
*"Issa nara l'int miġnun!"*

*Imma hu ħalqha saddilha*
*Minnufih, u l-għalqa mar;*
*Reġa' l-moħba tiegħu kixef,*
*U ta daqqa t'għajn madwar.*

*Kien id-dawl ta' qamar, kollox*
*Qisu jgħum fis-sħarijiet:*
*Siġar tal-ħarrub u bajtar*
*U xi rziezet fuq l-għoljiet.*

*R'hom bħal donnhom jiċċaqalqu,*
*U 'l hemm jersqu fejn idejh*
*Kienu mgħargħra f'nar bellusi,*
*Li kien qed jgħammixlu għajnejh.*

*F'daqqa waħda stħajlu jilmaħ*
*Mill-quċċata ta' Merżuq*
*Tielgħa d-dħaħen, 'u xamm riħa*
*Qisha ta' kubrit maħruq!*

*Imma wisq ma damx jitħasseb,*
*U tal-moħba biss ta każ;*
*Beda jħaffer b'ħeffa u kixef*
*Żewġt iqrun tad-deh'b u ras.*

*Neħħa t-trab: żewġ għajnejn — tlieta!*
*Lemaħ jibbru lejh: Hajjin!*
*Bħal inqata'; imma ssokta,*
*Għax ma riedx li jieħdu l-ħin.*

*Fl-aħħar qalgħu: kien bħal għoġol,*
*Imma kellu tliet għajnejn:*
*Deh'b mastizz u tqil għall-aħħar,*
*Mhux lakemm tqandlu bl-idejn.*

*Kien xi alla falz tal-qedem,*
*Haseb f'qalbu, meta d-dan*
*Ġarru u ħbieh ġo rokna, qabel*
*L-ewwel dawl ħabbar in-nhar.*

*Bilkemm seta' jissapporti*
*Għajnejn l-għoġol ħomor demm;*
*Kien iħoss tferfir ma' ġismu,*
*Meta jħares lejh bil-hemm.*

*Baża' r-raġel, tilef sabru,*
*Il-jum kollu jaħseb fih;*
*Ilsien martu jaqta' dejjem:*
*Ma setax isib mistrieħ.*

*Għaldaqshekk l-imsejken bidwi*
*L-għoġol li sab fuq Gelmus*
*Fittex biegħu 'l wieħed Għawdxi*
*Li kien jaf, u għal ftit flus.*

*Imma wkoll x'ħin ħeles minnu,*
*Iż-Żebbuġi ma sabx kwiet,*
*Għax l-istorja f'Malta u Għawdex*
*Fis minn fomm għal fomm għaddiet.*

*Irid jaf kulħaddd fuq l-għoġol,*
*Illi hu sab fuq Gelmus:*
*Sal-Grammastru Manoel tqanqal,*
*U biex jiksbu rama jsus.*

*Imma, b'għaġeb kbir, il-għoġol*
*Għab bħal kwiekeb fiż-żerniq:*
*Ħadd ma seta' b'xejn isibu,*
*Kif il-Prinċep Manoel xtieq.*

*Iż-Żebbuġi jgħid li biegħu;*
*Ix-xerrej jgħid ma jaf b'xejn:*
*Xejn ma swew ħabs u torturi,*
*U kulħadd jistaqsi, Fejn?*

*Sliema dak li sab il-għoġol*
*Qatt ma seta' jsib imkien;*
*Dak li xtrah — jekk xtrah — iġġennen,*
*U fi sptar miet f'qasir żmien.*

*Hekk it-tnejn li kellhom x'jaqsmu*
*Ma' dan l-għoġol ta' Gelmus*
*Tul il-bqija ta' ħajjithom*
*Tiġrib kellhom, u bir-rfus.*

*F'Gelmus deheb għad baqa' s'issa,*
*Għax l-aktar f'inżul ix-xemx*
*L-għolja tħeġġeġ b'nar safrani —*
*Dehra isbaħ minnha m'hemmx.*

*Iżda ma nħallux li f'qalbna*
*Jinżel, ħija, l-għatx tal-flus;*
*Għax is-sliem hu bil-wisq aqwa*
*Mid-deheb kollu ta' Gelmus.*

F.X. MANGION